

IL-MISSJUNARJU

NEWSPAPER POST | Ħarġa Nru: 123 | Diċembru 2018 – Frar 2019

MISSION FUND

# Żmien il-Wasla

X'hini din il-wasla? Hija żmien ta' tħejjija għall-Avvent li nirċievu permezz tal-Knisja. Hija preparazzjoni sabiex inħejju ruħna għal Dak li se jasal, biex isib ambjent li nirċevuh. Hija ħasra kbira li jerga' jiġi għand nisu u ma jilqgħuhx. Għaliex? Għax forsi huma aljenati f'affarijiet oħra jew forsi għax ma waslilhomx it-tagħrif ta' veru?

Tkun barka kbira għalina li nilqgħu din l-istedina biex ikollna konverżjoni sinċiera u verament naqdu r-rieda t'Alla. Qabel ma nibdew nippjanaw biex narmaw djarna u naħsbu fir-rigali u fit-tiżjien tal-Milied, ejjew nieqfu ftit u nirriflettu kif Alla b'xi mod dejjem għamel stedina biex idaħħalna f'relazzjoni miegħu. Nifthu aktar qalbna għal ħutna, huma kif inhuma, fil-mard, fil-faqar, fid-disperazzjoni, fil-qtugħ il-qalb, fl-inkwiet u f'kull sitwazzjoni oħra.

> *Dawn kollha jgħidu li skoprew ferħ li għadhom iġorruh f'ħajjithom.*

Dejjem għandna nibqgħu niftakru, ħuti għeżież, li l-milja tal-ħajja tagħna mhix qiegħda la fis-saħħa fiżika tagħna, la fil-flus, la fl-intelliġenza u l-anqas fil-poter, imma li naċċettaw u ngħixu fil-verità m'Alla, magħna nfusna u mal-oħrajn.

L-Iskrittura dejjem urietna Ii Ġesù Kristu qatt ma ried jaħdem waħdu, u flimkien ma' ftit ħbieb magħżulin minnu seta' jaħdem aħjar. Għażel li jsejħilhom Appostli biex ikomplu l-missjoni li beda Hu. Jurina kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li nerfgħu l-piż u naqsmu x-xogħol flimkien.

Ħafna huma dawk li għamlu esperjenza missjunarja ma' ħutna l-fqajrin. Dawn kollha jgħidu li skoprew ferħ li għadhom iġorruh f' ħajjithom. Huma nies li għażlu ftit skomdu f'ħajjithom u ngħaqdu ma' Ġesù Kristu fl-ispirtu, f'missjoni ta' sliem u ġid ma' bnedmin oħra.

Jalla l-moħħ u l-qalb tagħna f'dan l-Avvent jiddawlu u jimtlew b'dan l-ispirtu ferrieħi ta' Ġestù Kristu. Jekk aħna mqar nagħtu ħarsa lejn il-beatitudnijiet li nsibu f'San Mattew, ngħarfu li hemm gwida li turina kif ngħixu u naħsbu l-ħajja tal-ispirtu li aħna msejħin għaliha.

Paċi u ġid. ***Antoinette Francica***

**MISSION FUND**: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
Ħinijiet tal-ftuħ: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel**: (+356) 21413664
**E-mail**: info@missionfund.org.mt
**Website:** www.missionfund.org.mt
**Facebook:** www.facebook.com/missionfund.org.mt
**Reg No: VO/0015**

# Dan il-Fqajjar Sejjaħ u l-Mulej Semgħu (Salm 34:7)
## (Siltiet mill-messaġġ tal-Papa Franġisku f'Jum Dinji tal-Foqra)

Dan il-kliem tas-Salmista jsir tagħna kull meta aħna niġu msejħa biex niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet differenti ta' tbatija li jgħaddu minnha ħafna minn ħutna li aħna mdorrijin inlaqqmuhom bħala "l-fqar". Dan is-salm jgħinna niftħu għajnejna għalihom biex nisimgħu l-karba tagħhom u nagħrfu l-bżonnijiet tagħhom.

Il-Mulej jisma' lil dawk li jsejjħulu, lil dawk b'qalbhom maqsuma bid-dwejjaq, bl-iżolament u l-esklużjoni; lil dawk ippersegwitati f'isem il-ġustizzja falza, u mwerwra bi vjolenza. Ħadd m'għandu jħossu eskluż mill-imħabba tal-Missier.

> *Il-mod ta' ħajja tagħna għandha tkun 'il bogħod minn dik tad-dinja*

F'din il-Ġurnata Dinjija tal-Foqra, aħna msejħa biex nagħmlu eżami serju



tal-kuxjenza, biex naraw jekk aħniex verament kapaċi nisimgħu l-għajta tal-fqir bħalma kif is-Salmista jgħid li l-Mulej semgħu. Biex nisimgħu leħinhom għandna bżonn is-silenzju ta' nies li lesti li jisimgħuhom. L-għajnuna li aħna nistgħu noffru x'aktarx hija qatra ilma fid-deżert tal-faqar, iżda madankollu tista' sservi bħal sinjal tal-qsim ma' dawk fil-bżonn, u tgħinhom iħossu l-preżenza attiva tal-aħwa. Il-faqar mhux xi ħaġa li jġib fuqu l-fqir, imma hija kawża ta' egoiżmu, kburija, kilba u inġustizzja. Dan huwa ħażen antik daqskemm ilha teżisti l-umanità nnifisha.

Ħafna foqra jidentifikaw ruħhom ma' Bartimew li jissemma fl-Evanġelju skont San Mark (10:46-52). Bartimew kien: "bilqiegħda jittallab mal-ġenb tat-triq" u wara li sema li Ġesù kien għaddej minn hemm, beda jgħajjat u jgħid. "Bin David, ikollok ħniena minni". Bartimew huwa bniedem fqir li jonqsuh l-affarijiet essenzjali, bħad-dawl u l-kapaċità li jaħdem biex jaqla' l-għixien tiegħu. Kemm nies illum iħossuhom fl-istess sitwazzjoni ta' prekarjat! Nuqqas ta' mezzi bażiċi biex isostnu lilhom infushom, imwarrba minħabba li mhux mogħtija xogħol, forom diversi ta' skjavitù soċjali minkejja l-progress uman tagħna. Kemm nies foqra llum, huma bħal Bartimew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq, ifittxu skop għal ħajjithom! Kemm minnhom isaqsu lilhom infushom għaliex niżlu daqshekk fil-baxx u kif jistgħu jinħelsu minn dan. Huma qed jistennew lil xi ħadd li jiġi ħdejhom u jgħidilhom: "Agħmel il-qalb! Qum, qed isejjaħlek". Sfortunatament, ħafna drabi jiġri l-kontra, u l-foqra jisimgħu vuċijiet li jċanfruhom, jgħidulhom biex jisktu u joqogħdu bi kwiethom.

> *Il-faqar mhux xi ħaġa li jġib fuqu l-fqir, imma hija kawża ta' egoiżmu, kburija, kilba u inġustizzja.*

Dawn il-vuċijiet huma ħorox, ħafna drabi minħabba l-biża' mill-foqra li huma meqjusa mhux biss miżerabbli imma sors ta' insigurtà u inkwiet, diżorjentament mill-ħajja li mdorrijin ngħixu fiha u allura l-bżonn li jiġu mwarrba u mħollija iżolati. Fina hemm it-tendenza li nżommu 'l bogħod bejna u bejnhom, mingħajr ma nirrealizzaw li dan huwa l-mod kif qed nitbiegħdu mill-Mulej Ġesù, li ma warrabx il-foqra, imma jsejħilhom lejh u jagħtihom il-faraġ.F'dan il-Jum Dinji, aħna qed niġu mitluba nwettqu l-kliem tas-salm: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu" (Salm 22:26). Aħna nafu li fit-Tempju ta' Ġerusalemm, wara r-riti tas-sagrifiċċju, kienet issir ikla. Din kienet l- esperjenza li biha ħafna Djoċesijiet, arrikkew iċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel Jum Dinji tal-Foqra. Ħafna nies sabu s-sħana ta' dar, il-ferħ ta' ikla festiva u s-solidarjetà ta' dawk li xtaqu jpoġġu bilqiegħda fuq il-mejda b'sempliċità u fraternità. Fil-komunitajiet Insara, kuljum jittieħdu bosta inizzjattivi biex jiġi offrut dan is-sens li nkunu qrib u noffru flimk-

ien id li tgħin quddiem il-wiċċ ta' ħafna forom ta' faqar li hawn madwarna. Aħna l-Insara, nispiraw ruħna mill-fidi u mill-obbligu tal-karità. Imma aħna nistgħu wkoll nirrikonoxxu forom oħra ta' assistenza u solidarjetà li jimmiraw għall-istess għanijiet, sakemm ma nittraskurawx ir-rwol tagħna li hu li nwasslu lil kulħadd lejn Alla u l-qdusija. L-umiltà li noffru l-koperazzjoni tagħna mingħajr ma nfittxu li nidhru, hija l-aktar risposta evanġelika li nistgħu nagħtu.

Il-mod ta' ħajja tagħna għandha tkun 'il bogħod minn dik tad-dinja, li teżalta, tfittex u timita l-għonja u l-qawwija, filwaqt li tinsa l-foqra u tqishom bħala skart u tal-mistħija. Jalla lkoll kemm aħna nħossu li aħna midjunin mal-fqar, għaliex bl-idejn miftuħa wieħed lejn l-ieħor, isseħħ il-laqgħa salvifika li ssostni l-fidi tagħna, tispira l-karità u tgħin it-tama tagħna biex nimxu 'l quddiem fit-triq lejn il-Mulej.

***FRANĠISKU***

# IR-RGĦAJJA TA' BETLEM

***Raymond Caruana***



Tibkix iżjed, Bambin ċkejken,
hawn madwarek miġburin,
smajna l-kant tal-anġli tiegħek,
ġejna minnhom imqajmin.

Rajna s-sebħ tiegħek fil-għoli,
hawn wassluna sa ħdejn l-għar,
u qalulna, "Illum twieled
l-Iben t'Alla, bniedem sar".

Tlaqna kollox u ħdejk ġejna
sabiex qima aħna nagħtuk
f'għar imwarrab u fil-faqar,
hawnhekk kellna nsibuk.

Qalb is-sħana ta' ftit bhejjem,
sew geżwritek l-Omm mill-bard,
u fil-belt ta' Ġuda l-anġli
kantaw paċi fuq din l-art.

Ħdejk it-twajjeb ġust Ġużeppi,
kif tinkixef pront jgħattik,
lejk iħares u jitbissem,
il-ħin kollu ħsiebu fik.

Tlett islaten ukoll waslu,
mal-kewba baqgħu mexjin,
u fl-għar daħlu jagħtuk qima,
bik wisq ferħu, ja Bambin.



# DONAZZJONIJIET ONLINE

Inti tista' tagħti d-donazzjoni tiegħek lill-Mission fund minn fuq il-websajt www.missionfund.org.mt fil-kumdita' tad-dar. Żur dan is-sit elettroniku u għafas il-link "DONATE".
Tista tuża l-cards bħal: VISA, Mastercard, BOV Cashlink, APS Premier u HSBC Quickcash.
Jekk tippreferi tista' wkoll tagħmel trasferiment bankarju dirett f'wieħed minn dawn il-kontijiet:
**BOV: 163 007 980 19 - HSBC: 061 197 448 050 - APS: 200 008 207 62 - BANIF: 000 879 631 01**

**GRAZZI TAL-GĦAJNUNA TIEGĦEK**

**Il-Kumitat tal-Mission Fund jixtieq lill-benefatturi kollha u l-familjari tagħhom il-Milied it-tajjeb mimli risq, hena u paċi.**



MISSION FUND

Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lill-maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni. Għalhekk inħeġġukhom biex tagħtu rigal lil dawn ħutna biex b'hekk tnaqqsulhom ftit mit-tbatija li qed isofru. Il-Mulej iħallaskom b'mitt darba aktar dak kollu li tagħmlu ma' ħutna fil-bżonn. GRAZZI.

Jien qed nibgħat € ______ bħala rigal tal-Milied lil ħutna anqas ixxurtjati. Id-donazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ċekk jew money order pagabbli lil Mission Fund.

ISEM U KUNJOM: ______________________

INDIRIZZ: ______________________

KODIĊI POSTALI: ______________ TEL/MOB: ______________

**Jiena hawn taħt iffirmat nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund iżomm id-dettalji personali tiegħi biex inkun nista' nirċievi n-newsletter, il-magazine, il-kalendarju u pubblikazzjonijiet oħra.**

______________________

FIRMA